MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Numru 597/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**VS**

**VICTOR CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Victor Camilleri, bin Carmelo u Frances nee' Spiteri, imwieled tal-Pieta', nhar it-30 ta' Novembru, 1966, residenti fil-fond numru 25, Triq il-Bicciera, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 493066 (M);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Gunju, 2006 u t-18 ta' Gunju, 2006 gewwa Birkirkara, u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, proprjeta' (bieb tad-dar), ghad-dannu ta' Joseph u Marica Bonello, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma tkun izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U fl-ahharnett talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' tiehu hsieb tieghu inniffsu u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata z-zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Victor Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din l-istess Qorti tordna lill-istess imputat Victor Camilleri jhallas is-somma ta' Lm100.00 (mitt lira maltin), bhala danni sofferti mill-*parte civile* ndikati fl-akkuzi, u

cioe' Joseph u Marica Bonello, fi zmien xahar (1) mill-lum, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------